

Brussell, 16 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9595/25

SOC 329
EMPL 207
EDUC 189
ECOFIN 639

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Assessment of the country-specific recommendations for 2025 and implementation of the country-specific recommendations for 2024: Opinion of the Employment Committee and the Social Protection Committee - <i>Endorsement</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2025 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2024, li għandha tiġi approvata mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2025.

Addenda għal din in-Nota:

- Rieżamijiet tal-Konverġenza Soċjali tal-EMCO-KPS 2025 - Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (ADD 1)
- Rieżamijiet tas-sorveljanza multilaterali tal-EMCO 2025 - Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (ADD 2)
- Rieżamijiet tal-implimentazzjoni multilaterali tal-KPS 2025- Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (ADD 3)

Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2025

13 ta' Ġunju 2025

Preambolu

Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 148, 150 u 160 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE), id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jstabbilixxu l-Kumitati, u r-Regolament 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) huma kompetenti għall-implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew fir-rigward tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politiki soċjali.

Għaldaqstant, matul iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2025, wara l-proposti rispettivi ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea, l-EMCO u l-KPS ikkontribwew għall-finalizzazzjoni tar-*Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER)*¹, ir-*Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (EAR)*², u r-*Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs)* il-ġodda.³ Barra minn hekk, il-Kumitati ħejjew sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill biex jakkumpanjaw ir-*Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025*⁴ u *nota orizzontali* biex il-Kunsill Ewropew jakkumpanja s-*CSRs 2025*.⁵

¹ Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 ġie [propost mill-Kummissjoni](#) bħala parti mill-Pakkett tal-Ħarifa fit-18 ta' Diċembru 2024. Wara negozjati fil-Kumitati, dan ġie [adottat mill-Kunsill](#) fil-laqgħa tal-EPSCO fl-10 ta' Marzu. Il-pubblikazzjoni finali hija disponibbli fuq [din il-link](#).

² L-[aspetti tal-impjiegi u soċjali](#) tar-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro ġew approvati fil-laqgħa tal-EPSCO fl-10 ta' Marzu. Ir-rakkomandazzjoni ġiet [finalment adottata](#) fil-laqgħa tal-ECOFIN tat-13 ta' Mejju.

³ Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 2025 ġew [proposti mill-Kummissjoni](#) bħala parti mill-Pakkett tar-Rebbiegħa fl-4 ta' Ġunju. Wara negozjati fil-Kumitati, l-aspetti tal-impjiegi u soċjali jiġu adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tal-EPSCO fid-19 ta' Ġunju. L-adozzjoni finali hija skedata għal-laqgħa tal-ECOFIN tat-8 ta' Lulju.

⁴ Il-[Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025](#) ġew approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tal-EPSCO fl-10 ta' Marzu.

⁵ In-nota orizzontali dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 2025, imħejjija taħt l-awtorità tal-Presidenza Pollakka, hija maħsuba biex tikkontribwixxi għad-dibattiti politiċi fil-Kunsill (fil-laqgħat tal-EPSCO u tal-ECOFIN fid-19 u l-20 ta' Ġunju, rispettivament) u fil-Kunsill Ewropew (fis-26 u s-27 ta' Ġunju).

Il-kumitati eżaminaw ukoll il-progress li sar mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-CSRs 2024 rilevanti maħruġa mill-Kunsill. L-implimentazzjoni tal-*Qafas ta' Konverġenza Soċjali* (SCF) ikkontribwiet ukoll għall-monitoraġġ tal-istat tal-konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE⁶. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, l-analiżi tal-ewwel stadju ġiet integrata fil-JER 2025, filwaqt li l-analiżi tat-tieni stadju ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni, wara skambju bilaterali mal-Istati Membri kkonċernati, u wara li saret konsultazzjoni mas-sħab soċjali dwar ir-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq. Is-sejbiet tal-analiżi tat-tieni stadju mbagħad ġew diskussi fl-EMCO u l-KPS permezz ta' sensiela ta' *Rieżamijiet tal-Konverġenza Soċjali*.⁷

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2024/1263⁸, fl-2025, il-Kumitati ddiskutew ukoll għall-ewwel darba l-aspetti tal-impjiegi u soċjali tal-*Pjanijiet Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju* (MTFSPs)⁹ il-ġodda u r-*Rapporti ta' Progress Annwali* (APRs)¹⁰ relatati mħejjija mill-Istati Membri. F'kooperazzjoni mal-Kumitati ECOFIN, l-EMCO u l-KPS ikkontribwew ukoll għat-tnejn tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li japprovaw l-MTFSPs.¹¹

It-**Taqsim** **1** ta' din l-Opinjoni fiha l-fehmiet ġenerali tal-Kumitati dwar l-aspetti ta' governanza tas-Semestru Ewropew. It-**Taqsim** **2** fiha riflessjonijiet dwar il-proposti għal CSRs 2025 adottati mill-Kummissjoni u ppreżentati lill-EMCO u lill-KPS fil-5 ta' Ġunju 2025. It-**Taqsim** **3** fiha l-eżitu tal-eżami tal-progress tal-Istati Membri lejn l-implimentazzjoni tas-CSRs 2024 rilevanti u tas-sejbiet tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, fil-forma ta' messaġġi tematiċi li jirriżultaw mir-riżultati ta' sorveljanza multilaterali mwettqa mill-Kumitati. Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi huma mehmuża bħala **annessi**.

⁶ Id-disinn u l-elementi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali huma deskritti fil-[Messaġġi Ewlenin dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew](#) u r-[Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS](#) relatat. Id-dokumenti ġew ippreżentati lill-Kunsill (EPSCO) fit-12 ta' Ġunju 2023. Il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ġew diskussi fi Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS dedikat attiv bejn Ottubru 2022 u Mejju 2023.

⁷ Il-Kummissjoni ppubblikat l-analiżi tat-tieni stadju fil-11 ta' April permezz ta' [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal](#). Ir-riżultati twettqu mill-EMCO u l-KPS fit-13 ta' Mejju (ara t-Taqsim 3.1).

⁸ Ir-[Regolament \(UE\) 2024/1263](#) tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

⁹ Il-Pjanijiet Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju huma ppubblikati [fuq din il-link](#).

¹⁰ Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2025 huma ppubblikati [fuq din il-link](#).

¹¹ Ir-rakkomandazzjonijiet huma proposti mill-Kummissjoni u adottati fil-laqgħat tal-Kunsill ECOFIN.

Taqsima 1

Aspetti ta' governanza tas-Semestru Ewropew

Iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2025 immarka l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika tal-UE, li fih il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jibqa' waħda mill-prijoritajiet komuni tal-Unjoni. F'konformità ma' sejħiet preċedenti¹², il-Kumitati laqgħu l-istabbiliment ta' approċċ aktar integrat għall-politiki ekonomiċi, fiskali, tal-impjiegi u soċjali, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn il-*filières* tal-EPSCO u l-ECOFIN tal-Kunsill. Iċ-ċiklu tas-Semestru 2025 irrikonoxxa li l-impjiegi, il-ħiliet u l-edukazzjoni, u l-prijoritajiet soċjali huma essenzjali għat-twettiq tal-prinċipji tal-Pilastru, u fl-istess ħin wieħed mill-faċilitaturi orizzontali ewlenin għat-tisħiħ tal-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-EMCO u l-KPS iddiskutew l-aspetti rilevanti tal-ewwel ċiklu ta' MTFSPs ippreżentati mill-Istati Membri, ikkontribwew għat-tnejn tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li japprovaw il-kontenut tagħhom, u ddiskutew il-kontenut relatat tal-APRs. Il-pjanijiet fuq terminu medju jagħmlu enfasi qawwija fuq l-impjiegi, il-ħiliet u l-edukazzjoni, u l-politiki soċjali, fejn sehem kbir tal-miżuri jiġġustifikaw estensjoni tal-perkors ta' aġġustament fiskali li jaqa' f'dawn l-oqsma minħabba l-impatt pożittiv mistenni tagħhom fuq it-tkabbir ekonomiku.¹³ Filwaqt li jibnu fuq ir-riflessjonijiet estensivi li saru bejn l-2023 u l-2024 dwar l-effetti ekonomiċi tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-politiki soċjali¹⁴, il-Kumitati jistennew bil-ħerqa li jiġu kkonsultati dwar it-fassil u l-mandat ta' "ċentru tal-għarfien" iddedikat mill-Kummissjoni. Din l-inizjattiva tista' tkompli tgħin biex jitrawwem fehim kondiviż ta' kif l-impjiegi, il-ħiliet u l-edukazzjoni, u r-riformi u l-investimenti soċjali jikkontribwixxu kemm għall-progress soċjali kif ukoll għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv.

¹² Ara l-[Opinjoni dwar il-valur miżjud tal-investment soċjali u r-rwol tal-filière tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew](#) (Paragrafi 8, 9 u 11) approvata mill-Kunsill f'Novembru 2023 u l-[Opinjoni dwar il-prijoritajiet futuri tal-politika għall-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#) (Paragrafi 16 u 17), approvata mill-Kunsill f'Marzu 2024.

¹³ Ara l-[ittra mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali lill-Ministri tal-EPSCO](#), datata s-26 ta' Frar.

¹⁴ Dawn wasslu għall-[Opinjoni dwar il-valur miżjud tal-investment soċjali u r-rwol tal-filière tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew](#) (approvata mill-Kunsill fit-28 ta' Novembru 2023), id-[dibattitu ta' orjentazzjoni li sar mill-Ministri tal-EPSCO u tal-ECOFIN](#) (fit-12 ta' Marzu 2024), il-[Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali għal ekonomiji reżiljenti](#) (approvati mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2024), u l-[Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali](#) (approvati mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2024).

Fir-rigward tad-dimensjoni soċjali u tal-impjiegi tas-Semestru, matul iċ-ċiklu tal-2025, il-Kumitati ddiskutew il-progress miksub s'issa lejn il-miri tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet, u t-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.¹⁵ Filwaqt li l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija għall-2030 ta' mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni f'impjeg - fejn seba' Stati Membri diġà laħqu l-miri nazzjonali tagħhom u l-maġġoranza jidhru li qegħdin fit-triq it-tajba - l-EMCO nnota bi tħassib li l-progress lejn il-mira tal-UE għat-tagħlim għall-adulti kien limitat, hekk kif 10 Stat Membri biss naqqsu d-distakki lejn il-miri nazzjonali tagħhom.¹⁶ Fl-istess ħin, il-KPS irrikonoxxa li l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll il-kriżi tal-enerġija u l-inflazzjoni għolja esperjenzata f'dawn l-aħħar snin ippermettew biss tnaqqis modest fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-UE, fejn nofs biss tal-Istati Membri għamlu progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom u madwar terz esperjenzaw deterjorament. F'Mejju, il-Kumitati laqgħu l-opportunità li jipprovdu aktar il-fehmiet tagħhom dwar il-kontenut tal-Pjan ta' Azzjoni li jmiss tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jikkomplementaw il-fehmiet diġà espressi fl-*Opinjoni dwar il-prijoritajiet ta' politika futuri għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*¹⁷ mħejjija fl-2024.

¹⁵ F'Ġunju 2022, il-Kumitati ppreżentaw [Opinjoni dwar il-proċess tal-iffissar tal-miri nazzjonali għall-2030](#) lill-Kunsill.

¹⁶ F'dan il-kuntest, diversi membri tal-EMCO appellaw għal aktar riflessjonijiet dwar il-fattibbiltà tal-qlib minn data AES għal dik LFS (kif ippjanat bħalissa), kif ukoll il-potenzjal li jiġi kkunsidrat it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol fid-dawl tal-progress limitat sal-lum u tar-rilevanza ta' dan it-tip ta' taħriġ f'xi pajjiżi.

¹⁷ Ara n-Nota 12 f'qiegħ il-paġna.

Biex tappoġġa l-identifikazzjoni tar-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq, il-Kummissjoni implimentat il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. Wara r-rieżami tal-proġett pilota implimentat fl-2024¹⁸, il-Kumitati nnutaw b'mod pożittiv il-pubblikazzjoni aktar bikrija tal-analiżi tat-tieni stadju mill-Kummissjoni, li ppermettiet ukoll thejjiha aħjar tar-rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali relatati. L-EMCO u l-KPS ħadu nota tal-integrazzjoni tas-sejbiet tal-Qafas fil-proposti għal CSRs 2025 u fir-Rapporti tal-Pajjiżi, u b'hekk appoġġaw l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' politika sabiex titrawwem konverġenza soċjali 'l fuq. Madankollu, xi membri tal-Kumitat tennew dubji dwar il-kapaċità tal-Qafas li jaqbad b'mod komprensiv ir-riskji għall-konverġenza soċjali, b'mod partikolari minħabba l-puntwalità ta' ċerti indikaturi soċjali u n-nuqqas ta' xi oqsma ta' politika rilevanti fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u talbu għal aktar djalogu biex tiġi żgurata t-trasparenza fil-proċess li jwassal għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi fejn il-konverġenza soċjali tinsab friskju min-naħa tal-Kummissjoni. Il-Kumitati jinsabu lesti li jaħdmu mal-Kummissjoni biex jimplimentaw aġġustamenti biex itejbu l-analiżi u l-proċess.

Skont il-prattika standard, l-EMCO u l-KPS kellhom ukoll diskussjonijiet komprensivi mas-Sħab Soċjali tal-UE u r-rappreżentanti tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili dwar il-prijoritajiet ta' politika stabbiliti fil-Pakketti tal-Ħarifa u tar-Rebbiegħa. Dawn l-iskambji rriżultaw fi djalogu kostruttiv u sostantiv, li ġie kkunsidrat kif xieraq fit-thejjiha ta' din l-Opinjoni. Il-Kumitati jafferemaw mill-ġdid li l-involviment tas-sħab soċjali, tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fl-istadji kollha tas-Semestru Ewropew u taċ-ċiklu tat-tfassil tal-politika nazzjonali huwa fattur kruċjali għas-suċċess tal-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika, tal-impjegi u dik soċjali. F'dan il-kuntest, fl-ewwel nofs tal-2025, l-EMCO u l-KPS komplew isaħħu l-involviment tas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet tagħhom, bil-ħsieb li jrawmu l-involviment tagħhom fl-identifikazzjoni tal-isfidi u l-formulazzjoni ta' risponsi ta' politika rilevanti.¹⁹

¹⁸ Ara l-[Valutazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fuq bażi pilota fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024](#), li kien ġie diskuss mill-Kunsill fil-laqgħa tal-EPSCO fit-2 ta' Diċembru 2024.

¹⁹ Matul iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2025, saru laqgħat tripartitiċi fil-Grupp ta' Analiżi tal-Politika (PAG) tal-EMCO fl-11 ta' Marzu - bl-involviment tas-sħab soċjali nazzjonali mill-Istati Membri kollha - u fil-KPS fl-11 ta' April (bl-involviment ukoll tas-soċjetà ċivili), it-tnejn biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-[Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet](#) tal-Kummissjoni ippubblikat f'Marzu 2024.

Barra minn hekk, f'Marzu saret laqgħa konġunta bejn il-membri EMCO u l-Kumitat tal-Edukazzjoni (EDUC) mal-pubblikazzjoni tal-Unjoni tal-Ħiliet mill-Kummissjoni Ewropea.

Fl-iskambju ta' fehmiet, l-Istati Membri enfasizzaw l-importanza tal-inizjattiva u aktar investimenti fl-edukazzjoni u l-ħiliet u ddiskutew dwar l-aspetti differenti tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Kumitati jistiednu lill-Kummissjoni — b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenzi futuri tal-Kunsill — biex mill-2026 'il quddiem tistabilixxi skeda ta' żmien adegwata u prevedibbli għall-pubblikazzjoni tal-Pakkett tar-Rebbiegħa. Matul iċ-ċiklu ta' din is-sena, l-EMCO u l-KPS esprimew bil-qawwa n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom bil-pubblikazzjoni tardiva tal-Pakkett tar-Rebbiegħa fl-4 ta' Ġunju, li poġġiet friskju l-involviment tal-*filière* tal-EPSCO fit-tnejn u l-approvazzjoni tas-CSRs il-ġodda. Id-dewmien kien jeħtieġ aġġustamenti eċċezzjonali kemm fil-livell tal-Kumitat kif ukoll fil-livell tal-Kunsill, inkluż il-posponiment (għad-19 ta' Ġunju) tal-laqgħa tal-Kunsill EPSCO inizjalment prevista għat-12 ta' Ġunju, u arranġamenti speċjali fi ħdan il-Kumitati biex jiġi żgurat li l-Ministri tal-EPSCO jkunu jistgħu tal-anqas japprovaw l-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali tas-CSRs il-ġodda. Madankollu, għall-kuntrarju tal-prattika standard, is-CSRs ta' kompetenza kondiviża bejn l-EPSCO-ECOFIN ma setgħux jiġu approvati mill-Ministri tal-EPSCO u ser jiġu adottati direttament fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN skedata għat-8 ta' Lulju. Barra minn hekk, il-perjodu ta' żmien ikkompresat għall-eżami tal-aspetti tal-impjiegi, tal-ħiliet u dawk soċjali tas-CSRs jissogra li jdgħajef il-kredibbiltà tal-proċess tas-Semestru u jaffettwa b'mod negattiv kemm is-sjeda kif ukoll il-kwalità tar-rakkomandazzjonijiet finali minħabba ż-żmien limitat għal diskussjonijiet multilaterali ġenwini.

Taqsimha 2

Valutazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 2025

Il-proposti għal CSRs 2025 immarkaw bidla mill-approċċ "parsimonjuż" stabbilit fl-2022 relatat man-natura komprensiva tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għal sett aktar komprensiv ta' rakkomandazzjonijiet. Bħas-sena l-oħra, iċ-ċiklu tas-Semestru ffoka fuq it-trawwim tal-kompetittività u l-prosperità fl-Unjoni billi jindirizza l-ostakli għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv u l-potenzjal tal-produttività. Fi ħdan il-mandat tal-*filière* tal-EPSCO, dan issarraf f'bosta proposti għal CSRs dwar l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet u l-ispariġġ fil-ħiliet, it-tiħiħ tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-promozzjoni tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol, it-tnaqqis tad-dizincitivi għax-xogħol fis-sistemi tat-tassazzjoni tax-xogħol u tal-benefiċċji soċjali, u t-tiħiħ tal-protezzjoni soċjali u s-sistemi ta' inklużjoni soċjali. Dan irriżulta wkoll f'approċċ li jipprovdi enfasi ewlenija fuq it-titjib tal-kompetittività filwaqt li tinżamm id-dimensjoni soċjali tal-Unjoni biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Biex ikompli jinċentivaw l-impjiegi, l-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu jsaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' miżuri mmirati għal dawk sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, u r-riforma tas-sistemi ta' taxxa u benefiċċji. L-analiżi tal-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-kwalità tal-impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, bid-djalogo soċjali u n-negozjar kollettiv mistennija jkollhom rwol vitali, f'konformità mal-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali. Dan huwa meqjus essenzjali għat-tneħħija tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jikkontribwixxi għall-attraenza u l-kompetittività tal-Ewropa, kif enfasizzat reċentement ukoll mill-*Opinjoni tal-EMCO dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi*.²⁰

²⁰ Ara l-[Opinjoni dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi](#), imħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill EPSCO fid-19 ta' Ġunju.

Ir-rakkomandazzjonijiet il-ġodda għamlu enfasi qawwija ħafna fuq l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet bħala muturi ewlenin għal Ewropa kompetittiva u prospera, bl-Istati Membri kollha jirċievu rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward. Dan huwa mmotivat aktar minn xejriet reċenti li jiżvelaw tnaqqis fil-prestazzjoni tal-ħiliet bażiċi u l-progress kajman fiż-żieda tal-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma mħeġġa jespandu l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, itejbu r-rikonoxximent tal-ħiliet, jallinjaw aħjar il-kurrikuli u l-metodi ta' tagħlim mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u jtejbu l-kwalità u l-inklużività ġenerali tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Għaldaqstant, diversi proposti għal CSRs jiffukaw fuq l-ġhoti ta' appoġġ edukattiv aktar immirat għall-istudenti żvantaġġati u t-tiħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi, filwaqt li l-politiki dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet għandhom jikkunsidraw id-domanda dejjem tikber għal ħiliet avvanzati u STEM – b'mod partikolari f'setturi strateġiċi marbuta mal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali – u jkomplu jindirizzaw in-nuqqas u l-ispariġġi attwali u futuri ta' ħaddiema u ħiliet.

Fl-oqsma tal-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għall-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, il-proposti għal CSRs 2025 taw attenzjoni xierqa kemm għat-tħassib dwar l-adeġwatezza kif ukoll dwar is-sostenibbiltà fiskali. Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jirrifurmaw is-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom — ikkomplementati minn miżuri mmirati biex itawlu l-ħajja tax-xogħol — u biex itejbu l-effiċjenza u l-effettività ta' benefiċċji oħra ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali. Fl-istess ħin, għandhom iwessgħu l-aċċess għas-servizzi essenzjali u soċjali - inkluż il-kura tas-saħħa, u l-kura fit-tul - billi jqisu wkoll id-disparitajiet territorjali. B'reazzjoni għal bidliet demografiċi u d-domanda dejjem tikber relatata għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, hija meqjusa essenzjali tranżizzjoni lejn approċċi preventivi u bbażati fuq il-komunità. Fir-rigward tal-faqar, u b'mod partikolari l-faqar fost it-tfal, huwa rakkomandat li l-Istati Membri jindirizzaw dawn l-isfidi, anke billi jtejbu l-effettività, il-kopertura u l-adeġwatezza tat-trasferimenti soċjali u l-assistenza soċjali, filwaqt li jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali tagħhom. Il-proposti għal CSRs issottolinjaw ukoll fejn rilevanti l-iżviluppi mil-lat ta' affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, li jissograw li jdgħajfu l-istandards tal-ġhajxien.

Minkejja l-arranġamenti *ad hoc* meħtieġa biex jiġu ffinalizzati l-proposti għal CSRs 2025, l-EMCO u l-KPS żguraw il-kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE) u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (Supplenti) (EFC-A) biex ikun possibbli eżami effettivi ta' diversi kwistjonijiet politiċi ta' natura trażversali. Skont il-prassi standard, id-diskussjoni dwar is-CSRs marbuta mal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet saret fl-EMCO bis-sehem ta' delegati mill-Kumitat tal-Edukazzjoni (EDUC). Is-CSRs relatati mas-saħħa ġew diskussi fil-KPS, bil-membri mistiedna jikkoordinaw fil-livell nazzjonali mal-esperti rilevanti.

Taqsimha 3

Sejbiet ewlenin dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2024 u dwar l-istat tal-konverġenza soċjali fl-Unjoni

Is-sorveljanza multilaterali hija waħda mill-kompiti ewlenin tal-EMCO u tal-KPS fil-qafas tas-Semestru Ewropew.²¹ Din tinvolti, fost oħrajn²², valutazzjoni fil-fond tar-riformi, l-investimenti u l-azzjonijiet ta' politika usa' skattati mis-CSRs maħruġa mill-Kunsill f'ċiklu preċedenti tas-Semestru. Għalhekk, l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali jaqdu rwol essenzjali fl-appoġġ tal-azzjonijiet tal-politika tal-Istati Membri permezz ta' skambji ta' għarfien dwar il-politika u l-aħjar prattiki u l-promozzjoni ta' fehim komuni tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiżi bil-ħsieb li l-Kunsill jiġi infurmat.

²¹ Għall-EMCO, l-eżerċizzju huwa bbażat fuq l-Artikoli 148 u 150 TFUE, filwaqt li għall-KPS huwa bbażat fuq l-Artikolu 160 TFUE. Ir-[Regolament \(UE\) 2024/1263](#) il-ġdid jikkonferma lill-EMCO u l-KPS fost il-kumitati rilevanti li għandhom jiġu involuti fil-proċess tas-Semestru Ewropew skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Iż-żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jstabbilixxu l-Kumitati ([2015/772](#), li tħassar lil 2000/98 għall-EMCO; u [2015/773](#), li tħassar lil 2004/689 għall-KPS) ukoll assenjawhom il-mandat biex jikkontribwixxu għall-aspetti kollha tas-Semestru Ewropew fl-oqsma rispettivi tagħhom.

²² Fl-EMCO, l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali jinkludu wkoll rieżamijiet iddedikati dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-mandat tal-EPSCO u indirizzati lill-Istati Membri kollha. Fil-KPS, jiġu organizzati diskussjonijiet tematiċi fil-fond iddedikati jew jifasslu rapporti konġunti għas-segwitu tar-Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill.

Fl-2025, iż-żewġ Kumitati vvalutaw l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti tal-2024 u, fil-kuntest tal-analiżi l-ġdida speċifika għall-pajjiż tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, iddiskutew u waslu għal konklużjonijiet anke dwar l-analiżi tal-pajjiż tat-tieni stadju tal-Kummissjoni dwar il-konverġenza soċjali. Għar-rieżamijiet kollha speċifiċi għall-pajjiżi, l-evalwazzjonijiet kienu msejsa fuq ir-rappurtar tal-Istati Membri dwar l-aktar miżuri reċenti meħuda, segwit minn valutazzjonijiet ta' dawk il-miżuri minn Stati Membri l-oħra u mill-Kummissjoni. Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ġew maqbula b'mod reċiproku u huma annessi ma' din l-Opinjoni.

3.1. Sejbiet orizzontali mill-EMCO u l-KPS dwar il-konverġenza soċjali 'l fuq

Fit-13 ta' Mejju 2025, l-EMCO u l-KPS wettqu sensiela ta' "Rieżamijiet tal-Konverġenza Soċjali" msejsa fuq l-analiżi tal-konverġenza soċjali 'l fuq mill-Kummissjoni f'konformità mal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. Din l-analiżi speċifika għall-pajjiż tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali fis-Semestru Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 148 TFUE. Tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni nazzjonali tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-kisba tal-miri ewlenin u nazzjonali tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kompetenzi rispettivi u tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Ir-rieżamijiet koprew ir-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq iffaċċati mill-Istati Membri analizzati fl-analiżi tal-pajjiżi tat-tieni stadju tal-Kummissjoni dwar il-konverġenza soċjali ppubblikata fil-11 ta' April²³, kif ukoll l-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2024 maħruġa lil dawn l-Istati Membri, fejn rilevanti.

²³ [Ara l-analiżi tal-pajjiżi tat-tieni stadju tal-Kummissjoni dwar il-konverġenza soċjali f'konformità mal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali \(SCF\).](#)

- F'kuntest ta' swieq tax-xogħol b'saħħithom u reżiljenti, l-analiżi tat-tieni stadju tal-2025 tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali enfasizzat **l-isfidi b'mod partikolari fl-oqsma tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali** minħabba d-deterjorament ta' xi mudelli, u fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet. Madankollu, jippersistu wkoll sfidi fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dawk relatati ma' diskrepanzi fir-rati ta' parteċipazzjoni u ta' impjeg ta' gruppi speċifiċi (nisa, zgħażaġh, persuni b'diżabilità, nazzjonali ta' pajjiżi terzi), nuqqas notevoli ta' ħiliet u ħaddiema, kif ukoll disparitajiet reġjonali li jaffettwaw lil xi Stati Membri. B'mod ġenerali, l-appartenenza għal grupp tal-popolazzjoni f'sitwazzjoni vulnerabbli ħafna drabi għadha sservi ta' indikatur qawwi tal-eżiti edukattivi u tas-suq tax-xogħol.
- Xi Stati Membri jiffaċċaw sfidi relatati ma' **riskji persistentement għoljin ta' faqar jew esklużjoni soċjali** - speċjalment għal xi gruppi - diffikultajiet biex jistabbilixxu sistemi ta' protezzjoni soċjali effiċjenti li jindirizzaw b'mod effettiv ir-riskji tal-faqar, u inugwaljanzi kbar fl-introjt, b'mod partikolari fid-dawl tal-inflazzjoni għolja li nħasset f'dawn l-aħħar snin, li inevitabbilment ħalliet impatt akbar fuq l-unitajiet domestiċi b'introjt baxx u mingħajr impjeg. Ir-rati tal-faqar fost it-tfal għadhom ġeneralment għoljin ukoll, u dan jagħmilha kruċjali li l-Garanzija Ewropea għat-Tfal tiġi implimentata b'mod sħiħ. Stati Membri oħra għadhom qed jiffaċċaw sfidi biex itejbu l-aċċess għal servizzi affordabbli tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, li huwa partikolarment kritiku fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. L-iżgurar tal-aċċess għal miżuri ta' inklużjoni attiva ta' kwalità għolja - integrati mal-aċċess għal servizzi essenzjali u soċjali - għandu jibqa' prijorità f'ħafna Stati Membri, inkluż bil-ħsieb li jitnaqqsu l-inugwaljanzi fost il-gruppi tal-popolazzjoni u bejn ir-reġjuni, u li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali. F'dawn l-aħħar snin, ġew ipplanati jew implimentati riformi u investimenti, speċjalment bl-għan li tiżdied l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol u tittejjeb l-adegwatezza tal-benefiċċji soċjali u tal-pensjonijiet, kif ukoll li jiżdied l-aċċess għal sistemi affordabbli tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul. Il-kompromessi potenzjali bejn il-finanzjament adegwat u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u tas-sigurtà soċjali jibqgħu rilevanti ħafna f'dan il-kuntest, li jindika l-ħtieġa għal tfassil effettiv u effiċjenti tas-sistemi ta' taxa u benefiċċji.

- **Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taħriġ** għadha baxxa u ferm taħt il-miri tal-UE għall-2030 u, f'ħafna każijiet, anke dawk nazzjonali. Jidher li hemm bżonn urġenti li jitkomplew l-isforzi biex jittejbu l-kwalità u l-ekwità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u biex jissaħħu l-ħiliet bażiċi, anke bil-ħsieb li jiġu indirizzati d-disparitajiet persistenti fl-eżiti edukattivi u fil-livelli tal-ħiliet relatati mal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi. F'dan il-kuntest, l-individwi b'livell baxx ta' ħiliet għadhom l-inqas probabbli li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' taħriġ u, konsegwentement, li jibbenefikaw mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Jippersistu wkoll sfidi biex jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, sitwazzjoni li fir-rigward tagħha qed jiġi osservat progress kajman biss. Jibqa' ta' importanza vitali li tissaħħa il-kapaċità li jitwasslu **politiki attivi tas-suq tax-xogħol** imfassla tajjeb u mmirati aħjar, flimkien ma' servizzi abilitanti oħra, biex il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u minn grupp sottorappreżentati jiġu awtonomizzati u jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jidħlu, jibqgħu, u jagħmlu progress fis-suq tax-xogħol, anke fid-dawl tat-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali.
- L-impenn tal-Istati Membri biex jindirizzaw sfidi speċifiċi fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet huwa evidenti, bl-implimentazzjoni ta' ħafna riformi u programmi li għaddejjin bħalissa - anke permezz tal-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+) u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) - biex jgħollu l-livelli tal-ħiliet bażiċi u diġitali, u biex jirrifirmaw l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll is-sistemi tal-edukazzjoni għolja. Bl-istess mod, qed jiġu introdotti miżuri biex tissaħħa l-integrazzjoni tan-NEETs u l-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, inkluż bit-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u permezz ta' inċentivi u kampanji ta' informazzjoni għall-impjegaturi. Madankollu, ħafna minn dawn il-miżuri jinsabu fi stadju bikri ta' implimentazzjoni, u l-eżiti għad iridu jimmaterializzaw. Ir-rieżamijiet enfasizzaw ukoll l-importanza li jkomplu jintużaw għodod ta' monitoraġġ robusti u jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt biex **tiġi evalwata l-effettività tal-politiki** u jiġi identifikat kwalunkwe aġġustament li jkun meħtieġ, inkluż matul l-implimentazzjoni.

3.2. Sejbiet orizzontali mill-EMCO

Fid-19 ta' Marzu, il-Kumitat tal-Impjiegi kellu r-rieżami annwali tiegħu dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet bl-għan li jivvaluta l-progress lejn l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti u li jindirizza l-isfidi emerġenti identifikati fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Saret diskussjoni tematika msejsa fuq is-sejbiet ewlenin tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2025. Barra minn hekk, fit-18 ta' Marzu, saret laqgħa konġunta bejn il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Edukazzjoni biex jiġu skambjati l-fehmiet dwar il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi, kif ukoll biex jiġu diskussi studji tal-każijiet dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

- **In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet** fil-pajjiżi tal-UE naqas f'it fl-2024 iżda għadu għoli, speċjalment f'xi setturi ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, bħas-setturi STEM, kif ukoll dawk l-aktar milquta minn popolazzjoni li qed tixjieħ, bħas-settur tal-kura. F'kuntest ta' ekonomiji li r-ritmu tagħhom qed jonqos iżda swieq tax-xogħol b'saħħithom, il-persistenza tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet tindika b'mod ċar li l-ispariġġi strutturali fil-ħiliet jaffettwaw is-swieq tax-xogħol tal-UE.
- L-UE għadha 'l bogħod milli tilħaq il-**mira tat-tagħlim għall-adulti għall-2030**, bi tliet Stati Membri biss li diġà laħqu l-miri nazzjonali tagħhom u ħafna aktar għadhom lura. Għalhekk, huma meħtieġa sforzi sostanzjali u aċċellerati biex il-mira tintlaħaq sal-2030. Il-politiki għandhom b'mod partikolari jimmiraw li jtejbju l-parteciġipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti għal dawk barra mis-suq tax-xogħol, dawk b'livell edukattiv baxx u medju u dawk li għandhom aktar minn 55 sena, li bħalissa qed jipparteċipaw inqas fit-taħriġ.
- Sar progress limitat fil-livell tal-UE b'rabta mal-**ħiliet diġitali**, bi f'it aktar minn nofs iċ-ċittadini Ewropej ta' bejn is-16 u l-74 sena li kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2023. Madankollu, ġew irregjistrati disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-proficijenza fil-ħiliet diġitali naqset b'mod inkwetanti fost iż-żgħażaġh.

- Ir-reġistrazzjoni fl-**edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal** żdiedet f'dawn l-aħħar għaxar snin u seba' Stati Membri laħqu l-mira għall-2030. Madankollu, għad hemm disparitajiet sinifikanti fil-pajjiżi tal-UE kif ukoll bejn gruppi soċjodemografiċi, b'dawk minn kuntesti soċjoekonomiċi żvantaġġati u l-persuni li jgħixu f'żoni remoti milquta b'mod partikolari.
- Il-**ħiliet bażiċi** qed jiddeterjoraw b'mod inkwetanti, bis-sehem ta' dawk li ma jagħmlux progress suffiċjenti fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza jżdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-kuntest soċjoekonomiku żvantaġġat għadu l-indikazzjoni ewlenija ta' prestazzjoni agħar minn dik mistennija, bid-distakk ma' studenti vantaġġati jikber. Il-kwalità tal-edukazzjoni qed tiġi kompromessa minn nuqqasijiet persistenti ta' għalliema, li huma aktar severi fl-oqsma STEM u fi skejjel żvantaġġati.
- Min-naħa l-oħra, l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-**mira tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja**, iżda għad hemm il-problema li r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja għas-suq tax-xogħol trid tittejjeb biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħiliet f'diversi oqsma u d-differenzi bejn il-ġeneri. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-oqsma STEM, fejn il-bniet għadhom ikunu sottorappreżentati. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jkomplu juru livelli għoljin ta' impenn biex jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċaw b'rabta mat-titjib tal-eżiti tal-edukazzjoni u l-ekwità, l-allinjament agħar tal-kurrikuli mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim. Diversi Stati Membri nedew riformi kbar, fosthom il-modernizzazzjoni tal-kurrikuli u t-tiħiħ tal-professjoni tat-tagħlim, iżda l-impatt tagħhom għadu mhux jinħass.
- Qed jiġu implimentati wkoll miżuri fl-oqsma kollha biex **tiżdied aktar id-disponibbiltà ta' programmi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, jissaħħaħ l-appoġġ immirat għall-persuni li qed ifittxu impjeg u jiġu adattati l-kurrikuli tal-VET għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol**. Madankollu, f'ħaġġa każijiet hemm il-ħtieġa li dawn l-isforzi jiġu intensifikati, u li jissaħħu l-politiki biex titrawwem il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, jiġu attirati nazzjonali ta' pajjiżi terzi b'livell tajjeb ta' ħiliet, jiġi indirizzati id-deterjorament tal-ħiliet bażiċi u diġitali u, fejn rilevanti, jiġi indirizzati in-nuqqas dejjem jikber ta' għalliema.

- Ir-rabta kawżali qawwija bejn il-kuntest soċjoekonomiku u l-eżiti baxxi fl-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni mnaqqsa f'attivitajiet ta' taħriġ u taġħlim u perspettivi baxxi tas-suq tax-xogħol jitolbu sforzi intensifikati mill-UE u l-Istati Membri biex jiżguraw **aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità** minn età bikrija għal kulħadd.
- **Valutazzjoni tal-impatt fil-fond** tal-miżuri implimentati biex jiġu indirizzati l-isfidi ffaċċati mill-Istati Membri hija kruċjali, bil-ħsieb li jitkomplew dawk li kisbu l-aktar suċċess lil hinn mit-termini ta' skadenza tal-FSE+ u l-RRF, li bħalissa jiffinanzjaw il-maġġoranza l-kbira taġħhom.

Fit-2-3 ta' April, l-EMCO kellu r-rieżami annwali tiegħu dwar il-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol (ALMPs), it-Tassazzjoni fuq ix-Xogħol, u s-Segmentazzjoni tas-Suq tax-Xogħol, bl-għan li jiġi vvalutat il-progress lejn l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti, kif ukoll jiġu indirizzati l-isfidi emerġenti identifikati fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Minbarra r-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiżi, saret diskussjoni tematika msejsa fuq is-sejbiet ewlenin tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2025. Il-Viċi President tan-Network tal-PES ġiet ukoll mistiedna taġħti aġġornament lill-Kumitat tal-Impjiegi dwar l-attivitajiet tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi fl-Istati Membri.

- Filwaqt li s-suq tax-xogħol baqa' b'saħħtu fl-2024, għad hemm lok biex jiġi sfruttat il-**potenzjal tal-impjieg ta' persuni minn gruppi żvantaġġati**, li għadhom qed jiffaċċaw sfidi biex jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol. Dan huwa partikolarment importanti biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema, li għadu f'livell għoli, u, fuq medda ta' żmien itwal, biex jiġi kkompensat it-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol minħabba x-xejriet demografiċi.
- Filwaqt li l-Istati Membri qed jintensifikaw l-isforzi biex jimmiraw aħjar il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' sussidji għall-impjiegi, u jsaħħu l-kapaċità u l-għoti tas-servizzi tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, **l-infiq fuq l-ALMPs** għadu baxx f'xi pajjiżi.
- Ġew osservati wkoll **differenzi bejn il-ġeneri**, fejn huwa inqas probabbli li n-nisa li jipparteċipaw f'miżuri ta' attivazzjoni. Huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi estiża l-kopertura tal-ALMP, b'mod partikolari għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u gruppi żvantaġġati.

- L-impjieg temporanju u part-time involontarju, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-impjieg indipendenti fittizju, u forom ġodda ta' xogħol ikomplu jikkontribwixxu għas-**segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol**, li jħalli impatt fuq il-lakuni fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali, l-iżvilupp tal-karriera u l-opportunitajiet ta' żvilupp tal-ħiliet.
- Filwaqt li s-**sehem tal-impjegi temporanji** naqas fl-2024, ir-rati baxxi ta' tranżizzjoni lejn kuntratti indefiniti u sehem għoli ta' impjegati temporanji involontarji għadhom kwistjonijiet ta' tħassib f'ħafna Stati Membri.
- It-**tnaqqis fix-xogħol part-time involontarju** fi kważi l-pajjiżi kollha tal-UE ntlqa' tajjeb. Madankollu, f'xi Stati Membri, dan għadu jaffettwa aktar minn 40 % tal-persuni li jaħdmu numru mnaqqas ta' sigħat, b'mod partikolari n-nisa.
- Ġie osservat impenn wiesa' biex jiġu indirizzati l-fatturi istituzzjonali, inkluż il-**leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni u l-protezzjoni tal-impjegi**, li spiss jixprunaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u jinċentivaw it-tranżizzjonijiet lejn kuntratti indefiniti. Qed jiġu implimentati wkoll miżuri biex jiġu integrati forom ġodda ta' xogħol fil-leġiżlazzjoni, bħal xogħol ibridu u mill-bogħod.
- F'ħafna Stati Membri għad hemm lok kbir għal titjib biex it-**it-tassazzjoni tiċċaqlaq lil hinn mix-xogħol lejn bażijiet għat-taxxa oħra** u biex jiġi evalwat it-tfassil ta' sistemi ta' taxxa u benefiċċji biex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jiġu inċentivati sigħat tax-xogħol itwal.
- It-**tfassil tas-sistemi ta' taxxa u benefiċċji** għad irid jittejjeb f'ħafna pajjiżi Ewropej, fejn għad hemm diżinċentivi sinifikanti għax-xogħol għall-persuni inattivi, il-persuni qiegħda, il-ħaddiema b'paga baxxa u l-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul. Dan it-tfassil fqir tas-sistemi huwa wkoll wieħed mill-fatturi li wasslu għal disparitajiet bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, li jinfluwenzaw b'mod qawwi l-għażliet tax-xogħol fl-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari dawk tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul.
- Barra minn hekk, peress li r-**responsabbiltajiet ta' kura** spiss jaqgħu b'mod sproporzjonat fuq in-nisa, id-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-impjegi f'ħafna pajjiżi huma xprunati min-nuqqas ta' servizzi adegwati ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal u ta' kura fit-tul.

3.3. Sejbiet orizzontali mill-KPS

Matul iċ-ċiklu tal-2025 tas-Semestru, il-Kumitat wettaq 11-il rieżami tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) fl-10-11 ta' April f'oqsma politiċi fil-kompetenza tiegħu, li jindirizzaw sfidi speċifiċi fl-oqsma tal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Ir-rieżamijiet kollha speċifiċi għall-pajjiżi kienu msejsa fuq ir-rappurtar tal-Istati Membri dwar l-aktar miżuri reċenti meħuda, segwit minn valutazzjonijiet ta' dawk il-miżuri minn Stati Membri l-oħra u mill-Kummissjoni. Ir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiżi ġew ikkomplementati minn diversi elementi orizzontali tal-eżerċizzju ta' sorveljanza multilaterali, li bbenefika mid-diskussjonijiet tematiċi korrispondenti organizzati fil-laqgħat tal-KPS. F'dan il-kuntest il-KPS kellu diskussjoni tematika fil-fond fil-laqgħa tiegħu ta' Marzu dwar "l-integrazzjoni ta' politiki li jappoġġaw l-attività ekonomika tal-persuni akbar fl-età", b'rabta mal-politika dwar il-pensjonijiet. Fil-laqgħa tal-kumitat ta' April, ġiet organizzata diskussjoni tripartitika biex tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2024 dwar in-Nuqqas ta' Ħaddiema u ta' Ħiliet fl-UE. Id-diskussjoni għafset fuq żewġ oqsma, li jikkorrispondu għall-isfidi marbutin mal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, il-kura fit-tul u l-kura tas-saħħa, b'mod partikolari permezz ta' skambju ta' fehmiet dwar l-iżviluppi politiċi biex tiġi appoġġata l-attivazzjoni tal-gruppi sottorappreżentati, u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fis-setturi tal-kura fit-tul u tal-kura tas-saħħa. Is-sejbiet orizzontali jiddependu fuq is-sessjonijiet ta' ħidma tar-rieżamijiet tal-pajjiżi u l-konklużjonijiet tad-diskussjonijiet tematiċi msemmija.

Id-diskussjonijiet ikkonkludew li fejn jidħol it-tixjijih attiv, l-Istati Membri applikaw reazzjonijiet politiċi li jkopru

- **Inċentivi biex tittawwal il-ħajja tax-xogħol/jittejbu l-inċentivi biex jiġi differit l-irtirar,** permezz ta' rati ta' akkumulazzjoni mtejba + bonusijiet/benefiċċji addizzjonali tal-pensjoni għall-ħaddiema akbar fl-età li jibqgħu fis-suq tax-xogħol lil hinn mill-età statutorja tal-irtirar.

- **Għażliet flessibbli għall-irtirar:** il-possibbiltà li l-introjtu mill-impjieg jiġi kkombinat ma' benefiċċji tal-pensjoni u li jiġi ffaċilitat aċċess gradwali għall-irtirar, permezz tat-tnaqqis gradwali fis-siġhat tax-xogħol jew it-tranżizzjoni lejn xogħol part-time fis-snin ta' qabel l-irtirar.
- **Limiti aġġustati** li taħthom l-introjtu addizzjonali mhux ser jaffettwa l-pagamenti tal-pensjonijiet biex jitneħħew l-ostakli biex l-introjtu mix-xogħol jiġi kkombinat mal-pensjonijiet, skoraġġuta mit-tassazzjoni sħiħa tal-introjtu addizzjonali jew mill-pagament sħiħ tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali.
- **Taħriġ għas-suq tax-xogħol u appoġġ biex jinkisbu kwalifiki** fil-kuntest tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għal ħaddiema qiegħda akbar fl-età u għal ħaddiema akbar fl-età li huma mhedda minn sensja u bħala parti minn provvedimenti regolari ta' titjib tal-ħiliet matul il-ħajja.
- **Sussidji tal-pagi u impjegi sussidjati** li jappoġġaw l-integrazzjoni mill-ġdid ta' ħaddiema akbar fl-età, u skemi ta' ritorn għax-xogħol biex jitnaqqsu r-riskji ta' ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol minħabba perjodi twal ta' assenza mix-xogħol minħabba kwistjonijiet ta' saħħa.
- **Prattiki sostenibbli fuq il-post tax-xogħol** li jindirizzaw l-ostakli għall-parteċipazzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età f'diversi oqsma: faċilitaturi fuq il-post tax-xogħol, ħiliet diġitali/l-użu ta' teknoloġiji diġitali, ibridi u ta' telexogħol, prattiki tar-riżorsi umani u ġestjoni intelliġenti ta' etajiet differenti, flimkien ma' miżuri mmirati biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni abbażi tal-età u jippromwovu t-trattament ekwu tal-ħaddiema akbar fl-età.
- **Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv** li jsaħħu d-dritt tal-ħaddiema akbar fl-età lil hinn mill-età minima legali, fosthom il-protezzjoni mit-tkeċċija, il-promozzjoni tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u riskji fiżiċi u psikosoċjali mnaqqsa, l-għoti ta' jiem ta' liv annwali addizzjonali, salarji bbażati fuq l-anzjanità fil-kariga u drittijiet addizzjonali għal-liv tal-persuni li jindukraw.

B'mod ġenerali, id-diskussjoni dwar it-tixjiġ attiv ikkonkludiet li

- Huwa fundamentali li jkun hemm bidla **fin-narrattiva u fil-mentalità** fir-rigward tat-tixjiġ tal-popolazzjoni kemm għal deċiżjonijiet individwali kif ukoll għal miżuri politiċi effettivi. Il-persuni akbar fl-età, minħabba s-saħħa aħjar tagħhom u l-istennija tal-għomor itwal, għandhom jitqiesu bħala assi siewja aktar milli bħala piż għas-soċjetà.
- Għandha tinbidel il-mentalità kemm għal **deċiżjonijiet individwali kif ukoll għal miżuri politiċi effettivi**. Fil-livell individwali, għandhom jissaħħu s-sensi ta' għarfien u ta' perċezzjoni tal-persuni akbar fl-età tal-kapaċitajiet tal-persuni akbar fl-età, permezz ta' politiki ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid imfassla apposta biex jadattaw aħjar għas-suq tax-xogħol u għall-ambjent diġitali li qed jinbidlu.
- Fir-rigward tal-**isfidi relatati mas-saħħa** li tqiegħdet enfasi partikolari fuqhom, il-prevenzjoni tal-inkapaċità għax-xogħol, l-adattamenti fuq il-post tax-xogħol, u politiki li jiżguraw ir-ritorn b'suċċess għax-xogħol wara mard fit-tul huma essenzjali.
- L-**inċentivi biex tittawwal il-ħajja tax-xogħol** għandhom iqisu l-kapaċitajiet varjati ta' gruppi okkupazzjonali differenti. Dan jimplika l-perċezzjoni tal-irtirar bħala proċess u l-ħtieġa li l-perkorsi tal-irtirar jiġu aġġustati għal profili tal-karriera differenti.
- **Biex jittieħed vantaġġ tal-potenzjal mhux sfruttat għall-persuni fil-grupp ta' età ta' bejn is-60 u l-64 sena** bil-ħsieb li jiżdiedu l-impjiegi tagħhom, speċjalment fost in-nisa, il-miżuri għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-indukrar, pereżempju: sigħat tax-xogħol flessibbli, arranġamenti għal pensjoni parzjali, u l-iffaċilitar tar-riintegrazzjoni wara waqfiet tal-indoktraturi.
- Il-**"pakkett politiku"** għandu jintegra l-politiki dwar il-pensjonijiet, politiki attivi mmirati tas-suq tax-xogħol, politiki soċjali u politiki għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, politiki u prattiki mfassla apposta tal-kumpaniji, fosthom il-ġestjoni tas-saħħa preventiva u tal-età bbażata fuq il-post tax-xogħol, attivitajiet tas-sħab soċjali, u l-provvista ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura.

Fir-rigward tal-isfidi relatati man-nuqqas ta' ħaddiema, l-Istati Membri jimplimentaw miżuri politiċi biex

- **Itejbu l-koordinazzjoni mal-fornituri tas-servizzi rilevanti** u jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi abilitanti u essenzjali għall-benefiċjarji b'introjtu minimu. Pereżempju, ġew stabbiliti strutturi li jservu ta' gateway jew punti uniċi ta' kuntatt bejn is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (PES) u l-awtoritajiet li jipprovdu benefiċċji (istituti nazzjonali tas-sigurtà/tal-assistenza soċjali) għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-persuni li jesperjenzaw sfidi ta' integrazzjoni soċjali u professjonali. F'każijiet oħra, il-PES tejjeb il-kooperazzjoni tiegħu fil-livelli reġjonali u nazzjonali, filwaqt li saħħaħ is-sħubijiet mal-muniċipalitajiet, l-NGOs, u l-fornituri tas-servizzi, bħaċ-ċentri tal-kura tas-saħħa.
- **Isaħħu l-iskemi ta' appoġġ soċjali fejn jidħol l-aċċess għal servizzi abilitanti u essenzjali,** b'aċċess imtejjeb għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, gwida għall-karriera u konsulenza soċjali, inkluż pariri baġitarji biex jiġi evitat id-dejn. Xi Stati Membri introduċew dispożizzjonijiet biex iżidu l-flessibbiltà biex l-impjiegi jiġu kkombinati mal-benefiċċji soċjali taħt ċerti kundizzjonijiet, filwaqt li oħrajn adottaw jew qed jippjanaw miżuri biex itejbu l-inċentivi għax-xogħol għal dawk li jirċievu introjtu minimu.

Il-konklużjoni kienet li

- **Għall-inklużjoni attiva,** ġiet ikkonfermata l-enfasi fuq **approċċi kkoordinati,** u l-kooperazzjoni u l-integrazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi ma' fornituri oħra ta' servizzi (soċjali) għall-għoti ta' appoġġ integrat u personalizzat huma kruċjali.
- L-attivazzjoni mhijiex rilevanti minħabba l-argument ekonomiku tagħha biss, iżda wkoll minħabba l-koeżjoni soċjali.
- L-introjtu minimu **ma għandux joħloq nassa tal-faqar** u hemm bżonn ta' servizzi ta' appoġġ għall-impjiegi u taħriġ immirat, ipprovduti f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali.
- Huwa importanti li **jiġu miġġielda l-istereotipi** biex tiġi żgurata l-attivazzjoni tan-nisa, tal-persuni li ġejjin minn kument ta' migrazzjoni u tal-persuni Rom.
- Fl-aħħar nett, l-interventi enfasizzaw li t-tranżizzjonijiet mill-qgħad u l-inattività għandhom iwasslu għal impjiegi **ta' kwalità, b'sigurtà tal-introjtu,** filwaqt li jiġu evitati l-prekarjetà u l-faqar fost dawk li għandhom xogħol.

- **Fis-setturi tal-kura fit-tul u tal-kura tas-saħħa**, l-importanza ta' **persunal adegwat u sostenibbli** hija kruċjali, fost l-oħrajn billi titqiegħed enfasi fuq pagi mtejba kif ukoll miżuri oħra għall-benesseri fiżiku u mentali.
- L-indirizzar tan-nuqqasijiet fis-setturi kkonċernati jitlob interventi biex **iż-żgħażaġh jiġu attirati** fis-settur, b'edukazzjoni u taħriġ inizjali mmirati, filwaqt li l-forza tax-xogħol eżistenti għandha tirċievi wkoll titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid immirati, rilevanti u kontinwi, b'enfasi kbira fuq il-ħiliet diġitali.
- Fiżikament, l-infermerija hija eżiġenti ħafna, li jżid ir-riskju ta' mard okkupazzjonali, inklużi disturbi muskuloskeletalni u psikoloġiċi. Għalhekk, il-politiki, b'mod partikolari **s-saħħa u s-sikurezza**, għandhom jimmiraw għal approċċ preventiv.
- Il-**ħtiġijiet ta' investiment** fis-setturi huma essenzjali: proġetti pilota żgħar għandhom jiġu skalati u għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' teknoloġiji u innovazzjonijiet ġodda (bħal tagħmir mediku diġitali u telekura).
- L-**inugwaljanzi territorjali** fl-aċċess għas-servizzi jirrappreżentaw sfida li għandha tiġi indirizzata b'miżuri xierqa. L-Istati Membri rrapportaw dwar diversi approċċi innovattivi, pereżempju prattiki ta' kliniki mobbli, telemediċina, riallokazzjoni tal-kompiti mit-tobba għall-ispiżjara u l-infermiera.

Annessi:

1. Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tar-Rieżamijiet ta' Konverġenza Soċjali EMCO-KPS tal-2025.
2. Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tar-rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO tal-2025.
3. Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tar-rieżamijiet ta' implimentazzjoni multilaterali tal-KPS tal-2025.